# Materji tal-konsegwenzi għall-proprjetà fi sħubijiet reġistrati

Spanja

**L-Artikolu 64(1)(a) - il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 44(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 49(2)**

Il-ġuriżdizzjoni għall-proċedimenti eżekutorji hija tal-Qrati tal-Ewwel Istanza (*Juzgados de Primera Instancia*) tal-post tad-domiċilju tal-parti li r-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni qed jintalbu kontriha, jew tal-post tal-eżekuzzjoni.

**L-Artikolu 64(1)(b) - il-proċeduri biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 50**

Rikors għal appell. Il-ġuriżdizzjoni għal appell hija tal-Qorti Provinċjali (*Audiencia Provincial*).

Il-proċedura biex tiġi kkontestata sentenza tal-Qorti Provinċjali tista’ tkun f’forma ta’ appell straordinarju għal infrazzjoni tal-proċedura (*recurso extraordinario por infracción procesal*) u appell fil-kassazzjoni (*recurso de casación*) skont it-termini tal-liġi proċedurali.

**L-Artikolu 65(1) - il-lista tal-awtoritajiet u professjonisti legali oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 3(2)**

Fi Spanja, ma hemm l-ebda awtorità bil-karatteristiċi u l-ambitu tal-Artikolu 3(2) fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament.

L-aħħar aġġornament: 05/02/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.